# 145. It-Twelid

Twelid,
biex tiġi tferraħ,
imma qabel tferraħ
trid tbeżża', trid tweġġa',
biża' u wġigħ tal-mewt!
Aktarx tiġi bil-lejl...
bibien magħluqa
fid-dlam...
ġirien u qraba mqajma
b'taħbit imgħaġġel
li jdamdam mat-triq...
u nies jixirfu mill-gallerija...
ulied meħuda
barra mid-dar
fin-nofs tar-rqad
bla jafu l-għala...
qabla għaddejja mgħaġġla...
u xi darba tabib,
b'għajnejh mimlija ngħas,
dieħel bil-forceps
u l-gas...

Darba biss f'għomrok,
Twelid,
ferraħt bla ma beżżajt,
bla ma weġġajt:
Xebba tat id-dawl
lill-Iben t'Alla ħaj u baqgħet xebba
għarkopptejha
bil-qima...
Iżda wkoll dakinhar,
ġo għera ta' għar,
int ġejt bil-lejl,
niżżilt l-anġli mis-sema,
qajjimt lir-rgħajja
sabiex jifirħu.